MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 171/2006

**Bitmac (Works) Limited (C 15559)**

**vs**

**Kunsill Lokali Iklin**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 ta’ Gunju tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti sejhet lill-Kunsill Lokali intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u tnejn u disghin Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu, (LM3,992.84,0), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ xoghlijiet imwettqa mill-mittenti fi Triq Stefano Erardi u Triq Giovanni Curmi, Iklin, fuq inkarigu ta’ l-istess Kunsill;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali konteggjat mit-tnejn (2) ta' Awissu tas-sena 2004 sal-jum ta' l-effettiv pagament fil-konfront tal-Kunsill intimat li rapprezentanti tieghu huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-Kunsill Lokali intimat datata t-8 t'Awissu tas-sena 2006 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet huma preskritti ai termini tal-Ligi, artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi di piu', u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inkarigu tax-xoghol ma nghatax mill-esponenti;

3. Illi di piu', u wkoll minghajr pregudizzju, u dejjem jekk l-eccezzjonijiet precedenti ma jkunux decizi, l-ammont pretiz huwa ferm u ferm ezagerat;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fis-sena 2003 s-socjeta' rikorrenti kienet giet ikkuntattjata mill-Kunsill Lokali intimat biex isewwu xi trinek li kienu gew precedentement imsewwija minn kuntrattur differenti b'mod li ma kienx sodisfacenti ghall-istess Kunsill;

2. Illi s-socjeta' rikorrenti u s-sub-appaltatur taghha kienu iltaqghu mas-Sindku tal-Kunsill de quo, fejn wara li ezaminaw flimkien dak li kellu jsir biex ix-xoghol precedenti jigi korrett, ftehmu ezatt kif dan ix-xoghol korrettorju kellu jsir;

3. Illi biex is-socjeta’ rikorrenti zgur ma tistraripax mill-limiti finanzjarji nvoluti f’xoghlijiet ta’ dan it-tip ir-rapprezentant taghha talab lill-Kunsill de quo biex jottjeni r-rati tax-xoghlijiet involuti mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma biex ir-rati tax-xoghlijiet involuti jkunu bbazati fuq l-istess;

4. Illi jirrizulta li l-Korporazzjoni de quo baghtet dawn ir-rati u wara li ntlahaq il-ftehim bejn is-socjeta rikorrenti u l-Kunsill de quo, gie ezegwit ix-xoghol;

5. Illi x-xoghlijiet reparatorji li kellhom jigu ezegwiti mis-socjeta rikorrenti kienu bzonnjuzi stante li t-trinek maqtugha fit-toroq involuti kienu fi stat hazin u xi postijiet anke cedew, ma rrizultawx li kienu ta’ wisa’ bizzejjed u allura ma kienux skond is-sengha u l-arti;

6. Illi biex ix-xoghlijiet riparatorji jkunu effettivi kien ukoll mehtieg li jigu mwessgha t-trinek de quo altrimenti x-xoghol kien inutili;

7. Illi dan kien necessarju minhaba x-xoghol hazin li kien sar qabel l-intervent tas-socjeta’ rikorrenti;

8. Illi s-sindku u l-Kunsill de quo kienu nfurmati b’din in-necessita strutturali u anke awtorizzawha;

9. Illi wara li x-xoghlijiet gew debitament finalizzati s-socjeta rikorrenti baghtet il-kont dovut li fuqu l-Kunsill de quo hallas ammont in parte;

10. Illi wara dewmien inspjegabbli ghas-saldu ta’ l-ammont dovut, is-socjeta rikorrenti kienet infurmata li l-Korporazzjoni li kienet originarjament effettwat ix-xoghol hazin kienet issa qed tirrifjuta li taghmel tajjeb ghax-xoghlijiet reparatorji;

11. Illi peress li s-socjeta rikorrenti ssostni li kellha biss relazzjoni guridika mal-Kunsill Lokali de quo,

kienet kostretta tipprocedi bil-kawza odjerna fil-konfront tal-Kunsill de quo;

12. Illi skond id-dokumentazzjoni pprezentata mis-socjeta rikorrenti jirrizulta li l-ammont indikat fir-rikors promotur huwa dak allegatament dovut lis-socjeta rikorrenti mill-Kunsill de quo;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' din il-procedura skond il-Kunsill de quo, jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-fatti kif fuq sintetikament esposti huma riflessjoni fattwali ta' l-akkadut;

2. Illi di piu' jirrizulta li l-Korporazzjoni involuta kienet mhux biss infurmata bl-izviluppi materjali fuq indikati izda kienet anke baghtet l-esperti taghha fl-istadji varji ta' l-izvolgiment tax-xoghlijiet de quo, biex tassigura li x-xoghol involut isir a sodisfazzjoni taghha wkoll;

3. Illi in effetti x-xoghlijiet involuti lanqas biss kienu tal-Kunsill de quo, izda tal-Korporazzjoni;

4. Illi r-rati li fuqhom inhadem l-ammont dovut huma rati ta' l-istess Korporazzjoni;

5. Illi stante li l-kunsill de quo ma kellux ikun involut, irrifjuta li jhallas ghax-xoghlijiet li saru;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament qed tigi ndirizzata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kunsill de quo, ai termini ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kapitolu 16;

Illi dan is-sub-artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

“azzjonijiet … tal-kuntratturi ta’ bini … ta’ xoghlijiet ohra ta’ … gebel jew materjal iehor … ghall-materjal li jfornu … jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”;

Illi f’dan ir-rigward ghandu jinghad li x-xoghol de quo kien ezegwit fis-sena 2003, pagament parzjali mill-Kunsill de quo kien effettwat fis-27 ta’ Lulju tas-sena 2004, u wara din id-data kien hemm ukoll diversi sejhiet, anke bil-kiktub, ghas-saldu tal-kumplament;

Illi in oltre, l-istess rikors li ta’ bidu ghall-procedura odjerna gie invavolat entro l-perjodu ta’ setejn statutorjament prefissat kif fuq indikat;

Illi ghaldaqstant il-procedura odjerna m’hix wahda preskritta u konsegwentement qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali de quo, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Lli fil-meritu l-istess Kunsill iserrah il-konfermazzjoni tieghu ghat-talbiet tas-socjeta rikorrenti a bazi tas-segwenti:

1. Illi l-Kunsill de quo ma nkarigax ix-xoghlijiet li taghhom is-socjeta rikorrenti tippretendi pagament gust;

2. Illi l-ammont pretiz hu “ferm u ferm ezagerat”;

Ikkunsidrat:

Illi rigward din l-ewwel lanjanza tal-Kunsill de quo ghandu immedjatament jinghad li tali pozizzjoni mhix konfortata mir-rizultanzi li zvolgew fil-forum odjern;

Illi fir-rigward jirrizulta assodat is-segwenti:

1. Illi x-xoghlijiet originali kienu saru mill-Korporazzjoni ta' l-Ilma;

2. Illi dan ix-xoghol irrizulta li kien hazin u l-Kunsill ma setax ihallieh f'dak l-istat u quddiem l-inerzia tal-Korporazzjoni de quo kien kostrett jintervjeni;

3. Illi ghalhekk il-Kunsill kien inkarga lis-socjeta rikorrenti biex tirripristina x-xoghlijiet de quo, tikkoregi x-xoghol skadenti riskontrati u tipprezentah b'mod li jkun accettabbli ghac-cittadin tal-lokal li finalment, bhall-kumplament tac-cittadini Maltin l-ohra, qed ihallsu minn buthom ghall-inefficcjenzi riskontrati;

4. Illi jirrizulta mhux biss li l-Kunsill de quo kien ben infurmat bl-iszviluppi, izda jirrizulta wkoll li s-Sindku kien izomm ruhu personalment aggornat f'kull stadju ta' din l-operazzjoni sa mill-koncepiment taghha qabel ma inghata l-appalt lis-socjeta rikorrenti, sal-lum;

5. Illi mhux biss, izda jirrizulta wkoll li ghalkemm il-Korporazzjoni involuta qed tipprova tezimi ruhha mir-responsabbilitajiet anke socjali taghha, anke din kienet ben infurmata bl-izviluppi kollha u kienet hi il-kawza prossima u primarja ta' dan id-dizgwid kollu;

Ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi wkoll it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kunsill de quo, bl-ispejjez:

Ikkunsidrat:

Illi inoltre rigward l-allegata ezagerazzjoni ta' l-ammont pretiz ghandu jinghad ukoll li din ma tirrizultax konfortata mir-rizultanzi;

Illi in effetti meta s-socjeta' rikorrenti kienet baghtet il-kont lill-Kunsill de quo biex tithallas tax-xoghlijiet minnha ezegwiti, u dan permezz tal-kont datat id-19 ta' Novembru tas-sena 2003, (ara fol 17), ir-risposta tal-Kunsill de quo

kienet pagament in parte pjuttost tardiv debitament approvat mill-Kunsill datat is-27 ta' Lulju tas-sena 2004, (ara fol 18), li allura jindika li

1. Ix-xoghlijiet ezegwiti kienu tajbin;

2. L-ammont dovut kien skond dak pattwit u bl-ebda mod ma kien ezagerat;

3. Il-Kunsill de quo ma kellu l-ebda lanjanza fir-rigward tax-xoghlijiet involuti;

Ghaldaqstant, qed tirrespingi wkoll din it-tielet eccezzjoni, bl-ispejjez;

Ghaldaqstant ukoll, in vista tal-premess tqis li s-socjeta' rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:

Tikkundanna lill-Kunsill Lokali ta' l-Iklin biex ihallas is-somma ndikata fir-rikors promotur ekwivalenti ghal disat elef, tlett mitta Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€9,300.82), lis-socjeta` rikorrenti Birmac (Works) Limited, (C15559), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------